# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 3**

**Citazzjoni numru 1864/01 JA**

**Alfred Attard u Consiglia Attard u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2015, Dr Noel Bartolo u l-P.L. Nadine Farrugia gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejjet Alfred Attard**

**v.**

**Nikola Vassallo u Antonia Vassallo u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2014 stante l-mewt ta' Antonia Vassallo fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'isimha gie trasfuz ghal fuq isem Joseph Vassallo**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell incidentali maghmul mill-atturi minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Ottubru 2010, li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li laqghet it-talba tal-

atturi biex jithassar kuntratt ta' gharfien ta' dejn maghmul mill-atturi favur il-konvenuti u, filwaqt li kkundannat lill-konvenuti jroddu lura imghaxijiet imhallsa b'uzura likwidati minnha fis-somma ta' €4500, cahdet it-talba tal-atturi ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni in kwantu dawn ma gewx minnhom ippruvati.

2. Il-konvenuti wkoll kienu appellaw mis-sentenza, izda l-appell taghhom gie dikjarat dezert b'digriet tal-10 ta' Marzu 2014.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tal-25 ta' Ottubru 2010 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet, li fihom hemm ukoll delineati l-fatti li taw lok ghal vertenza bejn il-partijiet:

> "Illi kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni din l-azzjoni hija mmirata biex jiġi dikjarat null kuntratt li sar bejn l-attur u l-konvenuti, illi permezz tiegħu l-istess attur ikkostitwixxa ruħu debitur tagħhom għas-somma ta' Lm20,800. L-azzjoni attriċi hija bbażata fuq żewġ kawżali, u ċjoe' li l-attriċi ma kinitx ko-parteċipi f'dan il-kuntratt li skond l-atturi sar fl-1995 u mhux fl-1993 kif indikat fl-istess kuntratt – u għaldaqstant kien jeħtieġ illi hija wkoll tkun parti f'dan il-kuntratt, kif ukoll li l-kuntratt kien null għaliex l-ammont indikat fil-kuntratt bħala dovut lill-konvenuti kien jinkludi imgħaxijiet li jeċċedu l-ogħla rata li tippermetti l-liġi.
>
> "Illi l-atturi qed jgħidu wkoll li l-konvenuti kienu jisilfu l-flus fuq bażi regolari u allura kien jeħtieġ li jkollhom permess mill-awtorita' konċernata.
>
> "Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu li l-azzjoni hija perenta kif ukoll li ma hemm ebda bżonn li wieħed ikollu permess biex isellef; li m'hemm ebda raġuni għaliex il-kuntratt għandu jkun annullat; li ladarba l-atturi qed jallegaw li l-kuntratt huwa null minħabba

kawża illeċita' ma jistgħu jitolbu rifużjoni ta' flus li ħallsu lura mis-self.

"Illi l-Qorti għalhekk neċessarjament l-ewwel trid teżamina l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

"**EĊĊEZZJONIJIET**
"Illi l-**ewwel eċċezzjoni** hija li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 1224 tal-Kap 16. *Prima facie* ma hemmx dubju li ż-żmien preskritt għadda għaliex l-azzjoni ġiet intavolata fl-aħjar ipoteżi għall-atturi sitt snin wara li sar il-kuntratt (tmien snin skond it-teżi tal-konvenuti). Madankollu billi din l-azzjoni tolqot il-validita' tal-kuntratt in kwistjoni skond il-ġurisprudenza, il-preskrizzjoni ma tapplikax u dan għal raġuni ċara; *Il-liġi tillimita l-imgħax għal sitta fil-mija u obbligazzjoni għal imgħax ogħla minn dik ir-rata ma jistax ikollha ebda effett. Għaldaqstant obbligazzjoni simili hija ineżistenti u nulla b'mod assolut u l-azzjoni relattiva għall-obbligazzjoni ineżistenti ma tistax tiġi preskritta*. (**"Joseph Peplow vs Ferdinando Galea" –** Qorti tal-Appell 7 ta' Marzu 1955). Sentenza oħra riportata fil-volum XXII0I-193 fl-ismijiet **"Marmara vs Caruana"** tgħid illi *"nessun atto per quanto liberamente consentito e talora ripetuto e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono valere a dare efficicai ad una obligazione proibita per ragione di ordine pubblico".* Sentenzi oħra f'dan is-sens huma **"Lia vs Genovese"** (Appell 4 ta' Marzu 1938), **"Psaila vs Psaila"** (Vol VII- pagna 635); u **"Zammit vs Zahra"** (Appell Inferjuri, 14 ta' Diċembru 1935). Għalhekk huwa ċar għall-Qorti li din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

"Illi t-**tieni eċċezzjoni** tirrigwardja l-kawżali msemmija mill-atturi dwar il-fatt li l-attriċi kellha tkun parti fil-kuntratt in kwistjoni għaliex fil-fatt il-kuntratt sar fl-1995 u mhux fl-1993. Dwar dan il-Qorti tikkummenta aktar 'il quddiem iżda huwa fatt s-sub-artikolu 2 tal-artikolu 1326 tal-Kap 16 jgħid illi kull azzjoni għall-annullament tal-kuntratt li ma jkunx sar bil-parteċipazzjoni taż-żewġ konjugi u li jirrigwardja proprjeta' tal-komunjoni tista' tittieħed biss fiż-żmien perentorju ta' tliet snin u dan jibda għaddej:

"*(a) Mid-data ta' meta dik il-parti saret taf bl-att;*

"*(b) Mid-data tar-reġistrazzjoni meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni;*

"*(c) Mid-data li tintemm il-komunjoni tal-akkwisti skond liema tkun l-ewwel data.*

"Issa fil-każ in eżami huwa ċar li l-att relattiv kien jeħtieġ ir-reġistrazzjoni u dan sar fl-1995. Għalhekk independentement

minn jekk l-attriċi kienitx taf li sar dak il-kuntratt, hija kellha sal-1998 biex tiftaħ il-kawża a bażi tal-fatt li hija ma kienitx parti fil-kuntratt. Kwindi din l-eċċezzjoni qed tigi milqugħa u għalhekk il-kawżali in kwistjoni ma jistax iservi ta' bażi għall-annullament tal-kuntratt.

"Illi rigward **it-tielet eċċezzjoni** l-unika prova illi nġiebet kienet li l-konvenuti ma kellhomx permessi fir-rigward. Madankollu kif sewwa irrimarka l-istess attur ma nġiebu lanqas provi li l-konvenuti kienu abitwalment jisilfu l-flus lil diversi nies. Għalhekk anke hawn din il-kawżali ma hijiex se tiġi eżaminata.

"Illi r**-raba' eċċezzjoni** hija waħda ġenerika u għalhekk trid tiġi nvestigata mill-Qorti meta teżamina l-mertu tal-każ.

"Illi l**-aħħar eċċezzjoni** hija fis-sens li l-atturi ma jistgħux jipproponu kawża għall-annullament ta' kuntratt u fl-istess ħin jesiġu l-ħlas lura ta' flus li qed jallegaw illi ħallsu indebitament lill-konvenuti. Dwar dan il-Qorti tħoss li huwa veru li fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi ma jippremettux illi għamlu ħlasijiet indebiti għalkemm jindikaw li ġiet prattikata l-użura fis-self in kwistjoni. Madankollu għalkemm dan messu sar, il-Qorti ma jidhriliex illi għandha taħsad it-talba fuq din il-bażi għaliex meta l-atturi jippremettu li ġiet prattikata l-użura dan jippreżumi li saru ħlasijiet żejda. Kwindi din l-eċċezzjoni qed tiġi *ut sic* respinta.

"**MERTU TAL-KAŻ**

"Il-Qorti allura trid teżamina jekk il-kawżali proposta mill-atturi u ċioe' li ġiet prattikata l-użura, tirriżultax.

"Illi l-Qorti m'għandha ebda dubju li dan kien il-każ. L-ewwelnett il-Qorti hija konvinta li l-kuntratt in kwistjoni sar fl-1995 u mhux fl-1993; infatti ġie insinwat fl-1 ta' Frar 1995. Dan sar naturalment biex l-attriċi li sa dak iż-żmien ma kinitx taf bil-bluha ta' żewġha li jissellef il-flus mingħand il-konvenuti, ma jkollhiex għalfejn tiffirma l-kuntratt. Hawnhekk il-Qorti tibbjażima anke lin-Nutar illi ppubblika l-kuntratt u dan kien messu jaf aħjar milli jagħmel dak li għamel. Għalkemm kif ġia' ingħad bħala kawżali, din hija preskritta, dawn il-fatti kollha jwasslu għall-konklużjoni li l-kuntratt għandu jiġi ddikjarat null anke għaliex jindika data fittizja.

"Illi dwar l-użura l-Qorti tagħmel riferenza għall-komputazzjonijiet li ttenta jagħmel l-abbli difensur tal-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn joħroġ ċar illi l-attur ġie mġiegħel iħallas imgħax ta' 25 fil-mija bis-solitu espedjent, magħruf sew għall-Qorti li kif ngħidu bil-Malti, *ma twelditx il-bieraħ*, illi dan l-imgħax eċċessiv jiġi assorbit fl-ammont imniżżel inizjalment. Dwar dan kif sewwa iċċita l-attur, ikkumentat fit-tul, purke' naturalment mill-aspett kriminali, il-

Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono fil-kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs George Xuereb"**, deċiża fil-15 ta' Jannar 2009.

"Illi dwar il-ħlasijiet li saru mill-attur, il-Qorti għandha diffikulta' kbira biex tasal għal somma preċiża. L-attur stess fiż-żewġ affidavits tiegħu, huwa kontradittorju anke approssimattiv mhux ftit; fl-ewwel wieħed jgħid li ssellef Lm30,000 bil-25 fil-mija mill-1971 sal 1991 u sal-1994 kien baqagħlu jagħti *circa* Lm2,000 jekk tnaqqas l-ammont ta' imgħax żejjed li ħallas u eventwalment ħallas Lm5,045 sas-sena 2000; fil-kuntratt niżżlu Lm20,800 għax bl-użura wasslu għas-somma ta' Lm10,400 u rdoppjawha. Fit-tieni affidavit huwa jgħid li huwa dam jissellef mill-1971 sal-1993 mingħand il-konvenuti u b'kollox issellef Lm60,000 u Lm12,000. Fl-aħħar tal-affidavit tiegħu (fol 45) huwa jgħid li għandu jieħu Lm15,285 għaliex ħallas interessi ta' bejn 25 u 40 fil-mija fuq l-ewwel somma u 80 fil-mija fuq it-tieni waħda. Biss qabel kien qal li minkejja l-użura pprattikata kien baqagħlu jħallas Lm10,400 u kien għalhekk illi fil-kuntratt din is-somma ġiet raddoppjata. Għalhekk filwaqt li skond l-ewwel affidavit huwa jgħid li għandu jieħu Lm3,045 fit-tieni wieħed dan l-ammont huwa ħames darbiet ċirka aktar.

"Illi l-Qorti għalhekk filwaqt li għandha konviċiment morali li l-attur fiż-żmien li semma kien ħallas in eċċess ta' dak li kien suppost ħallas isib diffikulta tasal għal somma eżatta. Huwa probabbli li kif spjega l-attur, il-konvenuta kienet tniżżel li tagħtu Lm1,250 meta fil-fatt hu kien ikun irċieva Lm1,000 (jekk mhux Lm900 f'xi ċirkostanzi minnhom). Għalhekk kull sena huwa kien iħallas Lm250 imgħax minflok Lm80 kif suppost imma l-Qorti m'għandha ebda ħjiel ta' kif saru l-ħlasijiet u allura fuq liema bilanċ tħallsu l-imgħaxijiet. Pero' żgur li l-attur ta' l-inqas ħallas 4,500 Euro imgħaxijiet żejda u għalhekk il-Qorti se tordna rifużjoni ta' din is-somma. Madankollu l-Qorti se tiċħad it-talba għal għad-danni li qed jitlolbu l-atturi billi dawn ma jirriżultawx mill-provi illi nġabru".

L-Appell Incidentali

4. Il-konvenuti appellaw minn dik is-sentenza b'rikors tal-11 ta' Dicembru 2010, filwaqt li l-atturi prezentaw ir-risposta taghhom tat-23 ta' Dicembru 2010 li fiha intavolaw appell incidentali. In kwantu l-appell

principali tal-konvenuti gie dikjarat dezert, jonqos biss li jigi ezaminat l-appell incidentali tal-atturi.

5. Permezz tal-appell taghhom, l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba`, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici, u tirrevokaha f'dik il-parti li titratta rifuzjoni tal-pagamenti maghmula bl-uzura lill-atturi u, minflok, tillikwida mill-gdid l-ammont komplessiv dovut.

6. Il-konvenuti ma wegbux ghal dan l-appell incidentali.

L-Aggravju

7. L-atturi jissottomettu illi, ghalkemm l-ewwel Qorti rrizultalha minghajr ebda dubju li l-konvenuti kienu pprattikaw uzura fil-konfront tal-atturi, hija sabet diffikulta meta giet biex tikkalkula s-somma li kellha tigi rifuza. Jghidu izda illi s-somma kollha mhallsa b'uzura kellha tigi rifuza u ghalhekk kien il-kompitu tal-ewwel Qorti illi tiddetermina kemm kienet dik is-somma kollha li l-attur filfatt hallas indebitament lill-konvenuti.

8. Huma jkomplu jispjegaw hekk l-aggravju taghhom:

> "... il-kazistika nostrana rriteniet li min jallega l-uzura ghandu, dejjem a sodisfazzjon tal-Qorti, jaghmel prova tal- pagamenti li

huwa jkun ghamel u dan bi kwalsiasi mezz "basta li l- gudikant, bil-provi forniti fd-gudizzju, jakkwista c-certezza morali li l-hlas ikun effettivament sar" (Vol. XXXVII.i.525). L-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kien hemm xi varjanzi f dan ir-rigward bejn dak li xehed l-attur permezz tal-ewwel u tat-tieni affidavits tieghu rispettivament. Skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt li skond l-ewwel affidavit huwa jghid li ghandu jiehu Lm3045, fit- tieni wiehed dan l-ammont huwa hames darbiet cirka aktar. F'dan il-kuntest l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li l-esponenti kien hallas €4500 biss aktar bhala imghaxijiet u ghalhekk illikwidat biss dan l-ammont a favur tal-esponenti rapprezentanti r-ripetazzjoni tal-pagament maghmul mill-esponenti lill-konvenuti bl-uzura.

"5. Illi huwa minnu li f'bosta kazijiet dina l-Onorabbli Qorti tistrieh fuq l-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Dan, fil-fatt, ghandu jkun il-kaz fir-rigward tal-provi prodotti a sostenn tat-tezi tal-esponenti li l-konvenuti ezercitaw uzura fil-konfront tieghu. Jidher pero', li meta giet sabiex tillikwida s-somma dovuta mill-konvenuti lill-esponenti l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet kalkulazzjoni zbaljata u b'hekk aggravat lill-esponenti. Hija proprju din il-kalkulazzjoni zbaljata li jehtieg illi dina l-Onorabbli Qorti tirrettifika sabiex tassew il-gudikat ikun wiehed gust u ekwu.

"6. Jibda sabiex jinghad illi t-tieni affidavit ta' Alfred Attard sar proprju sabiex jippreciza certu figuri li ssemmew fl-ewwel affidavit tieghu. Tali korrezzjoni saret b'tali mod illi x-xhieda finali tal-attur Alfred Attard li kellha tigi debitament kunsidrata mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet proprju dik kif korretta permezz tat-tieni affidavit. L-attur allura xehed li mill-1971 sal- 1991 kien isellef is-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm 60,000) bi tnax-il elf Lira Maltin (Lm 12,000) mislufa bejn l-1992 u l-1993. Permezz tal-istess affidavit huwa jixhed bl-aktar mod car li l- intimata Antonia Vassallo zammitlu aktar minn wiehed u ghoxrin elf lira Maltin (Lm 21,000) imghaxijiet zejda bhala uzura. Huwa jkompli jissostanzja din l-allegazzjoni:

> "Dawn huma l-interessi li zgur li Antonia Vassallo zammitli zejda. Mill-1971 sal-1991 fuq is-somma ta' LM 60,000 l-interessi kienu jvarjaw minn 25% sa 40%. Zgur li haditli aktar minn LM 12000. Fis-sena 1992l-interessi kienu ta' 80% u fuq is-somma ta' Lm12,000 haditli zejda Lm8640. Peress li fl-1994 ma kont hallast xejn lil Antonia Vassallo, lanqas lira wahda, fl-1995 geghlitni niffirma kuntratt quddiem in- Nutar Gafa. ... Barra minn dawn, hallast is-somma ta' Lm 5045 bejn l-1995 u l-2000. Mela, jekk tghodd dawn it-tliet figure, b 'kollox jigi Lm 25,685. Jekk minn dan l- ammont tnaqqas is-somma ta' Lm 10,400 li kien fadal fl-1994, issib li Antonia Vassallo ghandha taghtini lura s-somma ta ' Lm 15285".

"7. Illi, fl-umli fehma tal-esponenti, il-konkluzjoni raggjunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tas-somma likwidata a favur tal-

esponenti stante l-ezercizzju tal-uzura hija wahda zbaljata in kwantu, minghajr ma giet offruta l-ebda raguni, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma tikkunsidrax li t-tieni affidavit kien intiz sabiex jemenda l-ewwel wiehed u li kwindi l-figura indikati fl-ewwel affidavit kellhom jigu skartati. Huwa naturali li xhieda kontradittorja tista' taffettwa l-kreditibilita' tax-xhud imma hawnhekk non si tratta dwar xi kwistjoni ta' kredbilita' gjaladarba l-Ewwel Onorabbli Qorti stess ikkunsidrat ix-xhieda tal-esponenti bhala wahda tant kredibbli u affidabbli sabiex tasal ghall- konkluzjoni li kienet, fil-fatt, qed tigi ezercitata uzura fil-konfront tieghu. Jidher ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti tant irriteniet ix- xhieda tal-attur affidabbli li wkoll meta giet sabiex tillikwida l- ammont xorta wahda strahet fuq il-verzjoni moghtija minnu sabiex tasal ghall-konkluzjoni li huwa zgur hallas erbat elef u hames mitt euro imghaxijiet zejda u ghalhekk sabet li "huwa probabbli li, kif spjega l-attur, il-konvenuta kienet tnizzel li taghtu Lm 1250 meta fil-fatt hu kien ikun ircieva Lm 1000 (jekk mhux Lm 900 f'xi cirkostanzi minnhom). Ghalhekk kull sena huwa kien hallas Lm250 imghax minflok Lm80 kif suppost." Ghalhekk l-esponenti ihossu aggravata mill-fatt illi, in vista tal-figuri korretti minnu stess permezz tat-tieni affidavit u in vista wkoll tal-fatt illi dawn it-tieni figuri ma jidhrux kontradetti minn provi ohrajn - tant illi d-difiza tal-konvenuti stess kienet limitata sabiex jinnegaw ghal kollox l- ezercizzju ta' uzura da parti taghhom, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha ghaddiet sabiex tillikwida favurih is-somma kollha ta' hmistax il-elf mittejn u hamsa u tmein lira maltija Lm15,285 (l- ekwivalenti ghall €35,604.47 ) u mhux parti minnha biss. Fi ftit kliem, in vista ta' nuqqas ta' provi kontradittorji, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha ebda raguni sabiex ma tasalx ghal konvinciment morali li l-ammont shih imhallas mill-esponenti kellu jigi rifuz lilhom mill-konvenuti.

"8. Illi fuq kollox, anke l-kalkolu maghmul mill-Ewwel Onorabbli stess huwa skorrett in kwantu mhux ghal kollox konfortat mill- provi prezentati quddiemha. Il-fatt ta' self ripetut hu korroborat kemm mid-deposizzjoni ta' Antonia Vassallo (konvenuta) kif ukoll mill-entrati li hemm fil-librett li jinzamm minn Antonia Vassallo (fol. 88 tal-process), fejn kienu jigu registrati notamenti dwar hlasijiet da parti ta' Attard, flus lilu mislufa, u konteggi ohra. Fil- librett in kwistjoni hemm hafna figuri li hux facli li wiehed isib tarf taghhom malajr, minhabba li l-istess kalkoli u figuri - uhud minnhom ingassati - ma ghandhomx sekwenza logika u kronologika. Pero' l-fatt li kienu qed jigu kkalkulati imghaxijiet ferm oghla minn dak li tippermetti l-ligi, u l-fatt li kienet qed tigi prattikata uzura mill-konvenuti fil-konfront tal-atturi jirrizulta minn aktar minn istanza wahda.

"9. Issir referenza ghal pagna erbatax (14) tal-librett esebit minn Antonia Vassallo a fol. 88 tal-process. F'din il-pagna fuq in-naha tal-lemin isfel nett, hemm imnizzel "200 imax". Din ic-cifra tinsab fl-ahhar tal-kalkolu u prima facie tidher li m'ghandha ebda

korrelazzjoni mal-kalkoli ta' qabel. Pero', jekk tigi ezaminata sewwa, turi l-modus operandi tal-konvenuta. Stabbilit li l-ammont ta' 18015 huwa l-bilanc li fadal, minn dawn il-konvenuti ippretendiet li tithallas l-ammont ta' Lm 14500, bbilanc ta' Lm 3515 u ma' dan jizdiedu Lm 2000 imghax. F'pagna erbgha tal- ktejjeb wiehed isib kalkolu ta' Lm 1200 li mizjudin maghhom 300 jaghmlu 1500. Ma' dawn tal-ahhar jergaw jizdiedu 875 li jgibu total ta' 2375. Kemm is-somma ta' 300 u kif ukoll is-somma ta' 875 ma jistghux jigu mfissrin jekk mhux bhala imghaxijiet. Jerga jinghad li Antonia Vassallo stess naqset milli tispjega l-figuri li jidhru fil-librett. Il-librett huwa mizghud b'ezempji bhal dawn t'hawn fuq. Huwa wkoll f dan l-istess ktejjeb li gew indikati l- ammonti mhallsa minn Alfred Attard lil Vassallo. Minnu jirrizultaw id-dati ta' diversi mutwi u pagamenti maghmula bejn il- 31 ta' Novembru, 1990 u s-sena 2000.

"10. Issa huwa minnu li l-modus operandi tal-uzura, fejn l-imghax jigi assorbit bhala kapital sabiex ma jidhirx bhal fil-kaz in ezami, certament ma jagevolax il-komputazzjoni tal-imghax zejjed imhallas mill-esponenti. Pero' ghandu jigi rawizat li, salv ghal dak hawn fuq espost - kif fuq kollox jinsab determinat ukoll mill- Ewwel Onorabbli Qorti, ftit li xejn jinghad fir-rigward tal-kapitali verament mislufa u l-imghaxijiet verament imhallsa. Ghaldaqstant, dwar mutwi u hlasijiet ohra maghmula mill-konvenuti lill-attur Alfred Attard, fil-provi hemm biss ix-xhieda ta' Alfred Attard li fl-ebda moment ma giet kontraddetta mill-konvenuti. ghal dak li iirrigwardia kapitali mislufa. imghaxijiet imposti u hlasiiiet effetwati. F'xenariu bhal dan, ukoll minkeiia l-korrezzjoni fl- affidavit tieghu, l-esponenti isibha difficli ferm jifhem kif l- Ewwel Onorabbli Qorti m'ghazlitx li tistrieh fuq din ix-xhieda tal-esponenti u minflok tillikwida ammont ferm inferiuri minn dak effettivament imhallas mill-esponenti bl-uzura".

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi ta' aggravju dwar evalwazzjoni ta' provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, huwa ormai assodat[1] li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax apprezzament tal-fatti maghmul minn dik il-Qorti jekk mhux ghal raguni ta' zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti jew ohra ssofri

[1] Ara fost ohrajn App.S. **Brigitte Vella pro et noe v. Richard Vella** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 u App.S **Vella Brothers Ready-Mix Limited v. John Vella**, deciza 29 ta' April 2016

ingustizzja. Il-hsieb wara din il-linja gurisprudenzjali hi li l-ewwel Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi prodotti quddiemha.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta evidenti minn qari tas-sentenza appellata li dan l-ezercizzju ta' evalwazzjoni gie kondott b'mod ezawrjenti mill-ewwel Qorti li kellha l-opportunita` tisma' lill-partijiet *viva voce.* Fid-dawl ta' dak li semghet u tal-provi l-ohra migjuba quddiemha dik il-Qorti spjegat illi, minkejja l-konvinzjoni morali taghha illi l-atturi kienu tassew vittmi ta' uzura, hi rriskontrat diffikulta sabiex mill-provi prodotti tasal ghall-ammont preciz li ghandu jigi rifuz.

L-atturi jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx bhala affidabbli t-tieni affidavit tal-attur illi kellha tigi kkonsidrata bhala x-xhieda finali tieghu. Jissottomettu illi in kwantu l-figuri gew korretti mill-attur stess fit-tieni affidavit u in vista wkoll tal-fatt illi dawn il-figuri ma gewx kontradetti minn provi ohrajn, l-ewwel Qorti missha strahet fuq tali figuri kif minnu korretti.

Din il-Qorti tosserva li, filwaqt illi huwa minnu li xhud seta' genwinament ha zball u ghalhekk ikkorega l-verzjoni tieghu fit-tieni affidavit, f'dan il-kaz id-differenza fil-figura pretiza minnu u li tinsab indikata fiz-zewg affidavits hija tant sostanzjali li minghajr sostenn ta' xi prova

dokumentali l-ewwel Qorti kellha ragun li ma taccettax il-pretensjoni tal-attur f'dan ir-rigward.

Fl-ewwel affidavit tieghu l-attur jghid li l-ammont komplessiv li huwa kien issellef bejn l-1971 u l-1991 kien ta' LM30,000, filwaqt li fit-tieni affidavit din il-figura giet adirittura rdoppjata ghal LM60,000. F'dawn ic-cirkostanzi huwa ragjonevoli li qorti ma taccettax bhala veritiera jew affidabbli l-verzjoni tal-atturi fir-rigward, tenut kont tal-ammonti sostanzjali pretizi abbinati mal-fatt li ma ngabet minnhom ebda prova korroboranti, kemm tal-fatt li ghandhom jiehdu l-ammont pretiz minnhom, kif ukoll x'wasslu sabiex l-attur induna li kien ha dak l-izball daqshekk ohxon.

Huwa ragjonevoli li, fic-cirkostanzi li fihom kien isir is-self ta' diversi ammonti ta' flus, wiehed jistenna li l-atturi jipprezentaw prova dokumentali in sostenn tal-pagamenti maghmula mill-attur, bhal per ezempju registru li juru l-flus attwalment mislufa lilu u l-pagament effettwati minnu fuq perijodu ta' kwazi 20 sena, jigifieri bejn is-snin 1971 u 1991; izda l-atturi baqghu karenti f'dan ir-rigward u, ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun li ma tistriehx biss fuq l-allegazzjoni tal-attur, *multo magis* tenut kont li l-ammont pretiz minnu fl-ewwel affidavit tieghu gie mibdul b'mod sostanzjali fit-tieni affidavit tieghu.

Din il-Qorti tkompli tosserva li huwa ferm inverosimili illi wara tant zmien, u tenut kont tan-numru kbir ta' pagamenti maghmula mill-attur, dan hass li kellu jikkoregi l-affidavit tieghu ghaliex kien sussegwentement ghall-prezentata tal-ewwel affidavit tieghu li rnexxilu jasal ghas-somma preciza mhallsa lill-konvenuti, u dan minghajr sostenn ta' provi dokumentali u allura b'semplici kalkolu mentali da parti tieghu fuq perijodu ta 20 sena.

Inoltre, lanqas il-librett ipprezentat mill-konvenuti ma jista' jkun ta' konfort jew jitqies bhala prova affidabbli in kwantu dan, kif ammess mill-istess konvenuta, ma jirriflettix l-ammonti realment mislufa u l-pagamenti maghmula, in kwantu kif issollevat mill-ewwel Qorti, l-ammont hemm indikati jinkludu imghaxijiet anticipati.[2]

Din il-Qorti tosserva wkoll li, il-fatt li l-ewwel Qorti tat affidament lill-verzjoni tal-attur in kwantu li dan kien qed jissellef flus mill-konvenuta bl-imghax oghla minn dak permess mill-ligi, jigifieri bl-uzura, ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li ma tatix l-istess affidament lill-verzjoni tal-attur inkwantu ghall-ammonti mislufa u l-ammonti mhallsa minnu, tenut kont tan-nuqqas ta' provi cari fir-rigward, liema nuqqas huwa ta' ostakolu sabiex il-Qorti setghet tasal bis-serhan tal-mohh, anke fuq bazi tal-bilanc ta' probabbilitajiet, ghall-figura preciza effettivament dovuta lill-atturi. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti tikkondividi l-

[2] Kif tistqarr il-konvenuta stess fix-xhieda taghha tat-8 ta' Marzu 2006 (a fol 112-113).

konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-ammont li l-Qorti setghet tasal ghalih b'konvinzjoni hu dak indikat minnha, jigifieri €4,500. Kien l-oneru tal-atturi li jressqu provi ghas-sodisfazzjoni tal-qorti gudikanti tal-pretensjoni taghhom u l-fatt li huma kienu karenti f'dan ir-rigward, *imputet sibi*, u din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet is-sottomissjoni tal-atturi li, ladarba l-kontenut tal-affidavits taghhom ma giex kontradett minn provi ohra, allura l-Qorti kellha taccettahom bhala veritiera, hija insostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, ghax, kemm tenut kont tal-entita` tas-somma mitluba, kemm tenut kont tal-fatt li fit-tieni affidavit tieghu l-attur jghid li fl-ewwel affidavit kien ha zball, kemm tenut kont li ma tressqux provi dokumentali in sostenn tal-ammonti mislufa minnu u l-pagamenti effettwati minnu, kemm tenut kont li dawn l-ammonti jkopru perijodu taz-zmien ferm twil [20 sena] u kemm tenut kont tal-fatt provat li l-librett ma jirraprezentax stampa fidila ta' dak li kien sehh fir-realta` bejn l-attur u l-konvenuta, l-ewwel Qorti bir-ragun hasset li m'ghandhiex tistrieh fuq l-allegazzjoni nuda u kruda tal-attur. Barra minn hekk il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-atturi.

Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tichad l-appell incidentali tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb